**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. JOSEPH MIFSUD**
**B.A. (LEG. & INT. REL.), B.A. (HONS.), M.A. (EUROPEAN), LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Robert Vella)**

**vs**

**Christopher Meilak**

**Kumpilazzjoni numru 587/2016**

**Illum 16 ta' Frar, 2017**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat **Christopher Meilak** detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 390777 (M) billi huwa akkuzat talli

1. F'dawn il-Gzejjer, matul ix-xahar ta' Mejju, 2014 ikkommetta serq ta' cekkijiet tal-Bank HSBC mahrugin fuq kont bankarju numru 2303665001 ghad-dannu ta' Antoinette Agius u/jew ta' persuna/i ohra u/jew il-Bank HSBC u/jew ta' entita' jew entitajiet ohra liema serq huwa aggravat bil-persuna;
2. Kif ukoll talli f'dawn il-Gzejjer, fil-15 ta' Mejju, b'mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqdejt b'qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex iggieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila,

setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamel qligh ta' seba' mija u tletin Ewro (€730) ghad-dannu ta' Antoinette Agius u/jew ta' persuna/i ohra u/jew il-Bank HSBC u/jew ta' entita' jew entitajiet ohra;

3. Kif ukoll talli f'dawn il-Gzejjer, fid-29 ta' Mejju, 2014, bil-hsieb li jaghmel delitt wera dan il-hsieb billi b'mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda' b'qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamel attentat sabiex jaghmel qligh ta' elfejn u hame mitt Ewro (€2,500) ghad-dannu ta' Antoinette Agius u/jew ta' persuna/i ohra u/jew il-Bank HSBC u/jew ta' entita' jew entitajiet ohra, liema reat ma sehhx minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta' tieghu;
4. U aktar talli fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, iffalsifika cedola, polza, ordni jew dokumenti ohra ffalsifikati, illi meta jigu pprezentati wiehed jista' jircievi bihom hlas, jew jiehu l-kunsinna ta' oggetti, jew jigbor depozitu jew rahan minn ufficju pubbliku, jew minn bank jew stabbiliment pubbliku iehor imwaqqaf jew maghruf b'xi att pubbliku tal-Gvern, u cioe' iffalsifika cekkijiet numru 302 u 304 mahrug fuq kont bankarju tal-HSBC bin-numru 23036650001;
5. U aktar talli fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, xjentament ghamel uzu minn cedola, polza, ordni jew dokumenti ohra ffalsifikati, illi meta jigu pprezentati wiehed jista' jircievi bihom hlas, jew jiehu l-kunsinna ta' oggetti, jew jigbor depozitu jew rahan minn ufficju pubbliku, jew minn bank jew stabbiliment pubbliku iehor imwaqqaf jew maghruf b'xi att pubbliku tal-Gvern,

6. Talli fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, ghamel falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku, jew fi skriitura kummercjali jew ta' bank privat, b'falsifikazzjoni jew tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi holoq pattijiet, dispozizzjonijiet jew obbligi foloz jew helsin falz minn obbligi, jew billi dahhal dawn il-pattijiet, dispozizzjonijiet, obbligi jew helsien minn obbligi f'dawk l-atti jew skritturi wara li kienu gew iffurmati, inkella billi zied jew biddel klawsoli, dikkjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw, u cioe' iffalsifikajt cekkijiet bin-numru 302 u 304 mahrugin fuq kont bankarju tal-Bank HSBC bin-numru 2303665001;
7. Talli fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, xjentament ghamel uzu minn att awtentiku u pubbliku, jew skriitura kummercjali jew ta' bank privat, falza;
8. U aktar talli fil-15 ta' Mejju, 2014, gewwa dawn il-Gzejjer, ikkommetta serq ta' flus, liema serq sar ghad-dannu ta' Antoinette Agius u/jew ta' xi persuna/i, u/jew ta' xi entita', u/jew entitajiet ohra, u liema serq huwa kkwalifikat bil-persuna u bil-valur li ma jeccedix l-ammont ta` elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin cetenezmu (€2,329.37);
9. U aktar talli fid-29 ta'Mejju, 2014, gewwa dawn il-Gzejjer, bil-hsieb li jaghmel delitt ta' serq ta' flus ghad-dannu ta' Antoinette Agius u/jew ta' xi persuna/i, u/jew ta' xi entita', u/jew entitajiet ohra wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta bidu ghall-ezekuzzjoni tad-delitt liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta tieghu u li kieku sar kien ikun ikkwalifikat bil-persuna u bil-valur li jeccedi l-ammont ta` elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin cetenezmu (€2,329.37);
10. U aktar talli matul ix-xahar ta' Marzu, 2014, gewwa dawn il-gzejjer Maltin ikkometta serq ta' Visa Card bin-numru tal-kont 4568821166123351 mahruga mill-Bank HSBC, f'isem Antoinette Agius liema serq huwa aggravat bil-persuna;

11. U aktar talli matul ix-xhur ta' Marzu, April u Mejju tas-sena 2014, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi, f'diversi hinijiet u postijiet differenti f'dawn il-gzejjer, ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi wrejt haga b'ohra sabiex iggieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamel qligh ta' madwar seba' mija u tmenin Ewro (€780) ghad-dannu ta' Antoinette Agius u/jew ta' persuna/i ohra u/jew il-Bank HSBC u/jew ta' entita' jew entitajiet ohra;
12. U aktar talli matul ix-xhur ta' Marzu, April u Mejju tas-sena 2014, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi, f'diversi hinijiet u postijiet differenti f'dawn il-gzejjer ikkometta serq bl-istess Visa Card bin-numru tal-kont 4568821166123351 mahruga mill-Bank HSBC, liema serq sar ghad-dannu ta' Antoinette Agius u/jew ta' persuna/i ohra u/jew il-Bank HSBC u/jew ta' entita' jew entitajiet ohra u li huwa aggravat bil-valur li ma jeccedix l-ammont ta` elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin cetenezmu (€2,329.37);

Il-Qorti giet mitluba tikkundanna lill-akkuzat ghall-hlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment u d-dokumenti esebiti.

Semghet, waqt is-seduta tallum, lill-imputat jammetti l-imputazzjoni migjuba kontra tieghu u semghetu jikkonferma l-ammissjoni tieghu anke wara li l-Qorti tatu zmien jikkunsidra l-pozizzjoni tieghu.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena fejn kien hemm qbil bejn il-Prosekuzzjoni u d-Difiza dwar li l-Qorti ghandha tapplika dak li jipprovdi l-Att dwar il-Probation (Kap 446).

Semghet lill-Ufficjal Prosekutur jiddikjara li l-imputat ikkopera mill-ewwel u rritorna qabel bdew dawn il-proceduri l-flus kollha dovuti lill-parte civile.

Semghet lill-parte civile konjugi Agius jiddikjaraw li huma m'ghadhom interessati f'dawn il-proceduri, li huma thallsu dak dovut lilhom u llum is-sitwazzjoni hi normali bhal kif kienet qabel sehh il-kaz.

**Ikkunsidrat;**

Il-Qorti rat li l-imputat ghandu fedina penali netta u li huwa ufficjal gholi ta' kumpanija u student l-Universita' ta' Malta u li jiddispjacih ta' dak li gara u llum is-sitwazzjoni mal-girien l-*parte civile* hi tant tajba li gew flimkien il-Qorti.

Din il-Qorti dwar piena tirrileva u dan b'referenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appelli Kriminali fl-ismijiet Ir-**Repubblika ta' Malta v. Rene` sive Nazzareno Micallef** moghtija fit-28 ta' Novembru 2006:

> *"Il-piena ghandha diversi skopijiet. Wiehed minnhom huwa sabiex jigi ripristinat it-tessut socjali li jkun gie mcarrat bil-ghemil kriminali ta' dak li jkun. Taht dan l-aspett jassumu mportanza, fost affarijiet ohra, kemm ir- rizarciment tad-dannu da parti tal-hati kif ukoll ir-riforma tal-istess hati. Skop iehor tal-piena huwa dak li tigi protetta s-socjeta`. Dan l-iskop jitwettaq kemm billi fil-kaz ta' persuni li b'ghemilhom juru li huma ta' minaccja ghas-socjeta` dawn jinzammu inkarcerati u ghalhekk barra mic- cirkolazzjoni, kif ukoll billi, fil-kaz ta' reati gravi, is-sentenza tibghat messagg car li jservi ta' deterrent generali. Il-Qrati ta' gustizzja kriminali dejjem iridu jippruvaw isibu l-bilanc gust bejn dawn u diversi skopijiet ohra tal-piena."*

Ghaldaqstant, il-Qorti, issib lill-imputaat hati tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu, izda fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula u b'applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti qed tillibera lill-imputat bil-kundizzjoni li ma jikkommettiex reat iehor fi zmien tliet (3) snin mil-lum.

Il-Qorti twissi lill-hatja bil-konsegwenzi skont il-Ligi jekk hija tikkommetti reat iehor matul dan il-perijodu ta' liberta' kundizzjonata.

Finalment, il-Qorti tordna li ai termini ta' l-Artikolu 392A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta l-atti kollha ta' dawn il-proceduri u kopja ta' din is-sentenza jintbaghtu lill-Avukat Generali fiz-zmien sitt ijiem tax-xoghol.

**DR JOSEPH MIFSUD**
**MAGISTRAT**